MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1625/1997/1

***Atlas Tool Engineering Company Limited***

***Versus***

***Tlata Limited***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tal-prezz ta' makna u *parts* mibjugħa lis-soċjetà konvenuta.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi għandha tieħu mingħand is-soċjetà konvenuta elfejn u wieħed u erbgħin lira u disgħin ċenteżmu (Lm2,041.90) maqsuma hekk: elf ħames mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm1,575) bilanċ li fadal mis-somma ta' tnax-il elf u ħamsa u sebgħin lira (Lm12,075) prezz ta' makna magħmula għas-soċjetà konvenuta u lilha mibjugħa u konsenjata, u erba' mija u sitta u sittin lira u disgħin ċenteżmu (Lm466.90) prezz ta' xogħol u ta' *parts* magħmula għall-konvenuta u mibjugħa lilha. Billi għalxejn sejħet lis-soċjetà konvenuta, b'ittra legali tat-18 ta' Lulju 1996 u b'ittra uffiċjali tat-18 ta' Marzu

1997, sabiex tħallas, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi s-soċjetà konvenuta għandha tagħti lis-soċjetà attriċi elfejn u wieħed u erbgħin lira u disgħin ċenteżmu (Lm2,041.90), magħmula kif imfisser fuq; u

2. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi elfejn u wieħed u erbgħin lira u disgħin ċenteżmu (Lm2,041.90), flimkien ma' l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Marzu 1997 u tal-mandat kawtelatorju ta' qbid ippreżentat flimkien maċ-ċitazzjoni, u l-imgħax legali sa meta jsir il-ħlas.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. dwar it-talba għall-ħlas ta' elf ħames mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm1,575): il-makna ma kinitx tal-kwalità miftiehma u kompleta biex taħdem skond l-iskop li għalih inxtrat u, anzi, fl-istat kif kienet konsenjata, il-makna kienet perikoluża; u

2. dwar it-talba għal erba' mija u sitta u sittin lira u disgħin ċenteżmu (Lm466.90): din is-somma kienet magħmula hekk: tliet mija u tletin lira (Lm330) kienu għal xfafar illi l-prezz tagħhom kien ġà magħdud fil-prezz tal-bejgħ tal-makna; u sitta u sebgħin lira (Lm76) kienu għal xogħlijiet li saru fil-makna sabiex din tiġi irranġata għall-iskop li għalih inxtrat, u li minkejja dan xorta baqgħet mhux kompleta biex taħdem għal dak l-iskop u baqgħet perikoluża.

Is-soċjetà attriċi kienet għamlet għall-konvenuta, fuq talba tagħha, makna li tonġor u tgħabbi l-ġebel, u bigħethielha bil-prezz ta' tnax-il elf u ħamsa u sebgħin lira (Lm12,075). Qabel ma saret il-konsenja s-soċjetà konvenuta kienet għamlet ħlasijiet akkont u fadlilha tagħti elf ħames mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm1,575); wara li saret il-konsenja s-soċjetà konvenuta ma għamlitx ħlasijiet oħra[1]. Xi xahrejn jew tlieta wara l-konsenja s-soċjetà attriċi ikkonsenjat tlitt ixfafar ġodda, bil-prezz ta' tliet mija u tletin lira (Lm330), u ħadmet ukoll tliet *pulleys* ta' l-aluminju għall-makna, bil-prezz ta' sitta u sebgħin lira (Lm76)[2].

---

1 Ara x-xhieda ta' Francis Psaila fis-seduta tal-5 t'Ottubru 1999, *fol*. 22, u x-xhieda ta' Paul Falzon fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2003, *fol*. 73.

2 *Fol*. 6.

Is-soċjetà konvenuta tgħid illi l-makna ma kinitx taħdem sew, tant illi l-ħaddiema tas-soċjetà attriċi kemm-il darba kienu jmorru biex isewwu l-makna. Is-soċjetà attriċi iżda tgħid illi kull ma kien meħtieġ kien illi s-*settings* tal-makna jkunu aġġustati skond il-kwalità u l-għebusija tal-ġebel li kien jinħadem.

Billi s-soluzzjoni ta' din il-kawża kienet teħtieġ eżami tal-makna li għaliha qiegħed jintalab il-ħlas, il-qorti b'dikriet tal-5 t'Ottubru 1999[3] ħatret espert sabiex, wara li jeżamina l-makna, igħid jekk fihiex in-nuqqasijiet imsemmija mis-soċjetà konvenuta. L-espert irrelata fil-25 t'Ottubru 2001[4].

L-espert sab illi kienu saru xi tibdiliet fil-makna billi, kif kienet magħmula fil-bidu, il-katina kienet teħel waqt illi kienet tgħabbi l-ġebel. Kienu nbidlu wkoll xi skorfini billi dawk oriġinali kienu jitqaċċtu u għalhekk flokhom saru oħrajn eħxen. L-espert sab ukoll illi s-soċjetà konvenuta stess kienet bidlet il-*guides* oriġinali li fuqhom kien igħaddi l-ġebel biex jinqata' dritt, iżda kien tal-fehma illi l-*guides* oriġinali ma kinux ħżiena, għalkemm dawk ġodda li għamlet is-soċjetà konvenuta huma aħjar u jippermettu tħaddim aktar sempliċi u preċiż tal-makna.

L-espert sab ukoll illi, għalkemm il-ftehim, kif jidher mill-*invoice*[5], kien irid illi l-makna jkollha muturi ta' għaxar *horsepower* (10HP), fil-bidu kellha muturi ta' tmien *horsepower* (8HP) iżda wara dawn inbidlu biex saru ta' għaxar *horsepower* (10HP). Billi l-*overload relays* oriġinali kienu maħsuba għal muturi ta' tmien *horsepower* (8HP), meta l-muturi saru aktar qawwija dawn ir-*relays* ma baqgħux biżżejjed u kellhom jinbidlu mis-soċjetà konvenuta.

Dwar l-allegazzjoni tas-soċjetà konvenuta illi l-makna kienet perikoluża, l-espert sab illi oriġinalment il-makna kellha *guards* biex igħattu l-katina iżda dawn tneħħew minn posthom minn min kien iħaddem il-makna. Għalhekk fid-diżinn oriġinali tagħha l-makna ma kinitx perikoluża; il-perikolu seta' nħoloq meta min ħaddem il-makna neħħa dawn il-*guards.*

---

3 *Fol.* 16.

4 *Foll.* 44 *et seqq.*

5 *Fol.* 5.

Dawn l-osservazzjonijiet tal-perit iwasslu għall-konklużjoni illi, għalkemm il-makna kienet teħtieġ xi tibdiliet u aktar xogħol fuqha biex tiġi taħdem sew, dak li kien meħtieġ sar, parti mis-soċjetà attriċi stess, u parti mill-konvenuta.

Fit-22 ta' Jannar 2002 is-soċjetà konvenuta talbet li tagħmel eskussjoni tal-perit. Il-qorti laqgħet it-talba u tat lill-konvenuta żmien ta' xahar biex tagħmel bil-miktub il-mistoqsijiet għall-eskussjoni[6]; dawn il-mistoqsijiet, iżda, baqgħu ma sarux.

Il-qorti tifhem illi, illum, wara x-xogħlijiet li saru fuqha u t-tibdiliet li sarulha, il-makna ġiet taħdem sew, iżda kien hemm xi żmien meta ma kinitx taħdem sew għal kollox. Tifhem ukoll illi, sakemm ma kinitx taħdem sew għal kollox, ix-xfafar setgħu ittieklu aktar milli jmiss, u kellhom jissinnu aktar spiss.

Għal dawn ir-raġunijiet, għalkemm, ladarba l-makna llum taħdem sew, il-prezz għandu jitħallas, għandu jsir tnaqqis biex jagħmel tajjeb għal dawk ix-xogħlijiet u tibdiliet li għamlet is-soċjetà konvenuta meta kellha tagħmilhom is-soċjetà attriċi, u ma għandux isir ħlas għax-xogħlijiet żejda li għamlet l-attriċi biex issewwi nuqqasijiet fid-diżinn oriġinali tal-makna, u lanqas ma għandu jsir ħlas għax-xfafar li x'aktarx ittieklu għax il-makna ma kinitx taħdem sew għal kollox. Għalhekk mis-somma ta' elf ħames mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm1,575), bilanċ tal-prezz tal-makna, għandu jsir tnaqqis ta' mitejn lira (Lm200) li qiegħed jiġi likwidat mill-qorti *arbitrio boni viri* għax-xogħlijiet li għamlet is-soċjetà konvenuta, u ma għandux isir il-ħlas ta' erba' mija u sitta u sittin lira u disgħin ċenteżmu (Lm466.90) għax-xfafar u għax-xogħol żejjed li għamlet is-soċjetà attriċi.

Is-soċjetà konvenuta għalhekk jifdlilha tħallas elf tliet mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm1,375).

Il-qorti għalhekk taqta'l-kawża billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf tliet mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm1,375) flimkien ma' l-imgħax fuq dik is-somma. L-ispejjeż jinqasmu hekk: parti minn tlieta (⅓) tħallasha s-soċjetà attriċi u żewġ partijiet minn tlieta (⅔) tħallashom is-soċjetà konvenuta.

6 *Fol.* 56.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------